

Brussell, 23 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9292/25

RECH 242
TELECOM 155

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Mejju 2025

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8390/25

Suġġett: Lejn Strateġija tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza
- Konklużjonijiet tal-Kunsill approvati fit-23 ta' Mejju 2025

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Lejn Strateġija tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza", approvati mill-Kunsill fl-4097 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

LEJN STRATEĠIJA TAL-UE DWAR L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FIX-XJENZA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021¹ dwar il-Governanza Futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER);
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2022² dwar l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Novembru 2024³ dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-ambizzjoni tal-UE f'dak li jikkonċerna l-intelliġenza artifiċjali – Governanza aktar b'saħħitha u investiment akbar u aktar iffukat ser ikunu essenzjali għall-ġejjieni", li fihom enfasisza l-ħtieġa għal sforzi kkoordinati, investimenti akbar u aċċess imtejjeb għall-infrastruttura diġitali għall-iżvilupp tal-IA;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

- il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)⁴, li jipprovdi qafas biex l-istrateġiji tal-Istati Membri jiġu allinjati mal-prijoritajiet tal-UE;
- ir-rapport ta' rieżami tal-evidenza tal-Mekkaniżmu ta' Konsulenza Xjentifika lill-Kummissjoni Ewropea intitolat "*Successful and timely uptake of artificial intelligence in science in the EU*" (L-adozzjoni b'suċċess u f'waqtha tal-intelliġenza artifiċjali fix-xjenza fl-UE) ippubblikat f'April 2024;

¹ 14308/21.

² 14705/22.

³ 14849/24.

⁴ COM(2018) 795

- il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar prattiki pprojbiti tal-intelliġenza artifiċjali stabbiliti mill-Att dwar l-IA, b'mod partikolari l-kjarifiki rigward l-eżenzjoni tar-riċerka mill-Att dwar l-IA⁵.
 - *"Statement on inclusive and sustainable artificial intelligence for people and the planet"* (Dikjarazzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali inklużiva u sostenibbli għan-nies u għall-planet) iffirmata fil-11 ta' Frar 2025 fis-Summit ta' Azzjoni dwar l-IA.
1. JIRRIKONOXXI l-iżvilupp rapidu tal-IA u tat-teknoloġiji tal-IA ddedikati għax-xjenza, li qed jittrasforma l-prattika tax-xjenza u wassal għal kisbiet u applikazzjonijiet rivoluzzjonarji fix-xjenza.
 2. IFAKKAR li l-IA tiġi applikata b'ħafna modi differenti fix-xjenza, fosthom li tintuża bħala għodda versatili għall-analiżi u s-simulazzjoni tad-data li jwasslu għal skoperti ġodda u għal mudelli lingwistiċi kbar li jintużaw bħala għodda ta' appoġġ.
 3. JIRRIKONOXXI l-eċċellenza tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) Ewropej fl-IA u r-rwol kritiku tagħha biex ikollna xjenza mill-aktar avvanzata, kemm fir-riċerka bażika kif ukoll dik applikata, jiġu indirizzati l-isfidi globali, tissaħħaħ il-kompetittività, jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tas-soċjetà, u tiġi xprunata t-tranżizzjoni diġitali fl-Ewropa b'mod effiċjenti u inklużiv.
 4. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-kollaborazzjoni fil-qasam tal-IA fix-xjenza, b'mod partikolari l-kollaborazzjoni internazzjonali, FILWAQT LI JENFASIZZA li l-UE għandha tibni fuq sħubijiet reċiproċi u nondiskriminatorji biex ittejjeb l-iskambji xjentifiċi, l-interoperabbiltà, u l-iżvilupp responsabbli u etiku filwaqt li jitqiesu r-riċerka u s-sigurtà ekonomika.
 5. JISSOTTOLINJA l-potenzjal trasformattiv tal-IA u l-ħtieġa li l-IA tintuża b'mod responsabbli, sostenibbli, etiku u inklużiv fix-xjenza, biex jiġi stimulat għarfien rivoluzzjonarju u jiġi xprunat it-tixrid tal-innovazzjoni, jitħaffef iż-żmien tal-introduzzjoni fis-suq, tissaħħaħ il-prestazzjoni tar-R&I tal-Unjoni kollha u tittejjeb il-kapaċità tagħha li tikkompeti fuq livell dinji, u b'hekk jinkisbu benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti u tittejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jikbru, iġeddu, jibnu tmexxija strateġika f'setturi b'impatt kbir, isaħħu s-sigurtà ekonomika, u jegħlbu l-isfidi.

⁵ C(2025) 884 final.

6. FILWAQT LI JQIS li s-sistemi u l-mudelli tal-IA żviluppati speċifikament u mqiegħda fis-servizz għall-iskop uniku ta' riċerka u żvilupp xjentifiċi kif ukoll l-attivitajiet ta' riċerka, ittestjar u żvilupp fir-rigward tas-sistemi jew il-mudelli tal-IA qabel ma jitqiegħdu fis-suq jew fis-servizz huma eżentati mill-Att dwar l-IA⁶.
7. JINNOTA li l-UE bħalissa ma għandha l-ebda politika ddedikata u sistemika li tiffaċilita l-adozzjoni tal-IA fix-xjenza; politika bħal din għandha tgħaqqad u tikkomplementa l-inizjattivi u l-istrumenti eżistenti u futuri fil-qasam tal-IA, biex tagħti spinta lill-adozzjoni tal-IA fix-xjenza u tipprevedi azzjonijiet ġodda u mmirati aħjar b'rabta mal-applikazzjoni tagħha.
8. JIRRIKONOXXI l-ħidma tal-Kummissjoni fuq strateġija Ewropea futura tal-IA fix-xjenza, u JAPPELLA biex l-istrateġija tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien u prattika disponibbli u li din tiġi żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-komunità tar-R&I. JIEĦU NOTA tal-attivitajiet attwali tal-Kummissjoni, bħall-eżerċizzju ta' taġlim reċiproku dwar il-politiki nazzjonali għall-IA fix-xjenza.
9. JENFASIZZA li din l-istrateġija għandha, b'mod partikolari:
 - tappoġġa l-iżvilupp ta' ekosistemi tar-riċerka interdixxiplinari u, fejn ikun ta' benefiċċju, transdixxiplinari madwar l-IA fix-xjenza;
 - issaħħaħ l-iżviluppi politiċi kkoordinati fil-livell tal-UE u bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali, biex l-IA tintuża b'mod aktar responsabbli, etiku u inklużiv fix-xjenza;
 - tipprevedi mod effiċjenti kif jiġi mmonitorjat l-impatt tal-IA fuq il-proċess xjentifiku;
 - taħdem fuq it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tar-riċerkaturi u tal-professjonisti fil-qasam tar-riċerka biex dawn jibbenefikaw minn soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA;
 - tippromwovi l-użu responsabbli, etiku, sostenibbli u inklużiv ta' sistemi, soluzzjonijiet u għodod ibbażati fuq l-IA applikabbli fir-R&I;

⁶ ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, p.1.

- tappoġġa l-aċċess miftuħ għal data affidabbli bbażata fuq il-prinċipji FAIR (it-traċċabbiltà, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà, ir-riutilizzabbiltà) filwaqt li tiżgura li jkun hemm miżuri ta' sigurtà proporzjonati, preċiżi u effettivi biex tiġi protetta informazzjoni sensittiva u tinżamm l-integrità tad-data;
- ittejjeb l-interkonnettività u l-interoperabbiltà bejn ir-riċerka strateġika, l-infrastruttura teknoloġika u diġitali u r-riżorsi strateġiċi rilevanti.

Politika koordinata u appoġġ għall-IA fix-xjenza

10. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' aġenda Ewropea komuni għall-IA fix-xjenza, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' komunitajiet tar-riċerka interdixxiplinari madwar l-IA fix-xjenza, li jlaqqgħu xjenzati tal-IA u xjenzati minn oqsma oħra, inkluż mix-xjenzi soċjali u umani, ma' esperti tad-data u tal-computing u speċjalisti tal-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC).
11. JINNOTA l-importanza tal-finanzjament, id-data, il-qawwa komputazzjonali, it-talent u l-ħiliet xjentifiċi għall-kompetittività tal-UE fl-IA u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi modi innovattivi kif jiġi appoġġat l-aċċess għal dawn ir-riżorsi mill-komunità tar-R&I fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka kollha.
12. JIEĦU NOTA tal-idea li jinholq il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA, kif imħabbar mill-President tal-Kummissjoni, u JITLOB lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri fuq id-dettalji ta' din l-inizjattiva, b'mod partikolari l-missjoni u l-governanza tagħha biex l-inizjattivi u l-istrutturi eżistenti jintużaw bl-aħjar mod.
13. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu allinjati jew, fejn xieraq, jinħolqu strateġiji nazzjonali jew reġjonali ddedikati għall-IA fix-xjenza, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' inizjattivi usa' fil-qasam tal-IA fil-livell reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew. JINNOTA l-potenzjal li jiġu mmappjati u mmonitorjati l-inizjattivi futuri biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni, u jiġi previst rapportar effiċjenti u simplifikat.
14. JAPPELLA għal titjib fil-koordinazzjoni u l-iskambju bejn ir-riżorsi tal-IA u l-metodoloġiji usa' bbażati fuq l-IA żviluppatti għax-xjenza fil-livell tal-Istati Membri u daww mibdija mill-Kummissjoni biex jiġi mmassimizzat l-impatt u tiġi żgurata l-komplementarjetà tagħhom.

Titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-komunità tar-R&I

15. JITLOB lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-komunitajiet Ewropej tar-R&I inġenerali jappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet affidabbli tal-IA "magħmulin fl-Ewropa" u l-użu akbar u responsabbli tal-IA fix-xjenza. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tkompli l-ħidma fuq l-iżvilupp tal-politiki u l-iskemi eżistenti u oħrajn ġodda biex it-talent fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-IA jingħied, jinżamm u jingħieb lura lejn l-Ewropa, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' networks u programmi ta' skambju u l-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER.
16. JENFASIZZA l-ħtieġa li r-riċerkaturi u l-innovaturi, il-maniġers tar-riċerka u l-professjonisti ta' appoġġ ikollhom aċċess usa' għal riżorsi adegwati tal-IA, inkluż permezz ta' programmi komprensivi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid fl-IA, sabiex tittejjeb il-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw minn opportunitajiet relatati mal-IA, jiġi żgurat l-aċċess ġust tagħhom għal għarfien ġdid u teknoloġiji ġodda, u tkun possibbli tranżizzjoni tal-metodi ta' ħidma fir-R&I, skont kif ikun xieraq, li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.
17. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali tagħhom, jappoġġaw l-inizjattivi marbutin mal-edukazzjoni sekondarja u għolja, it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja b'miżuri speċifiċi biex jitnaqqas id-distakk fil-ħiliet diġitali sabiex tiġi sodisfatta d-domanda dejjem tikber għal għarfien espert dwar l-IA fix-xjenza, inkluż il-ħtiġijiet rilevanti tas-suq tax-xogħol.
18. JISSOTTOLINJA li l-iżviluppi fit-teknoloġiji tal-IA għandhom jevitaw kull preġudizzju, dak bbażat fuq il-ġeneru, jew forom oħra ta' diskriminazzjoni. JAPPELLA biex jingħata appoġġ lill-gruppi sottorappreżentati fir-riċerka fl-oqsma tal-iSTEM u l-IA, pereżempju permezz ta' mentoraġġ u opportunitajiet oħra li jiffavorixxu l-inklużività u l-bilanċ bejn il-ġeneri.

Approċċ etiku, sostenibbli, inklużiv u ċċentrat fuq il-bniedem

19. JIRRIKONOXXI li l-adozzjoni tal-IA fix-xjenza għib magħha riskji li jirriżultaw mil-limitazzjonijiet teknoloġiċi, l-użu ħażin intenzjonat jew mhux intenzjonat li jista' jkun hemm, l-użu irresponsabbli tal-IA fix-xjenza, inkluż l-użu mhux etiku tal-iddisinjar ta' algoritmi u mudelli, il-manipulazzjoni tad-data, il-ġenerazzjoni ta' żbalji fattwali, u l-preġudizzju tal-awtomatizzazzjoni. JINDIKA li dan jista' jwassal għal miżinformazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet fazzjużi, u taqlib soċjetali mhux previst. JINNOTA wkoll li t-tħassib relatat mal-ispijegabbiltà, il-protezzjoni tad-data u l-proprjetà intellettuali, u kwistjonijiet oħra jistgħu jdgħajfu l-affidabbiltà, l-ekwità, ir-riproduċibbiltà u l-integrità tal-prattiki tar-riċerka.
20. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tipprovdi parametri referenzjarji ta' kwalità għall-IA fix-xjenza f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika u, filwaqt li timmonitorja l-effetti tal-adozzjoni tal-IA fir-R&I, tiġġieled kontra l-użi malizzjużi u twissi kontra Prattiki mhux xierqa u użi ħżiena oħra, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u abbażi ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u l-prinċipji tal-umaniżmu diġitali. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu żviluppati u aġġornati spiss il-linji gwida, il-parametri referenzjarji u l-aħjar Prattiki għall-użu tal-IA fix-xjenza biex jiġu żgurati l-integrità u t-trasparenza, u jissaħħu l-affidabbiltà u l-validità tal-outputs tar-R&I, filwaqt li tiġi promossa wkoll l-istandardizzazzjoni teknika biex jissaħħu l-interoperabbiltà u r-riproduċibbiltà u titrawwem il-prestazzjoni ambjentali tal-IA. Fid-dawl ta' dan, JILQA' d-dokument tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Forum taż-ŻER: "Linji Gwida Haġġin dwar l-Użu Responsabbli tal-IA Ġenerattiva fir-riċerka".

Data miftuħa u affidabbli biex talimenta l-IA għax-xjenza

21. JIEĦU NOTA tad-Dikjarazzjoni ta' Lund dwar il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tad-data FAIR u tad-data minn riċerka miftuħa fl-Ewropa, filwaqt li jitqiesu s-sigurtà ekonomika u tar-riċerka. JENFASIZZA l-ħtieġa li r-riċerkaturi jiġu stimulati u ppremijati talli jagħmlu d-data u l-mudelli mirqumin tagħhom disponibbli skont il-prinċipji etiċi u FAIR, kif ukoll talli jagħmlu d-data xierqa għall-ipproċessar mill-IA, irawmu kondiviżjoni armonizzata tad-data u l-interoperabbiltà u jiżguraw il-koerenza mal-mudell federat ta' kondiviżjoni tad-data tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC).

22. JISTIEDEN lill-Istati Membri jikkontribwixxu b'mod attiv għall-implimentazzjoni tal-Ispazji komuni Ewropej tad-Data eżistenti, bħall-EOSC, u spazji ġodda tad-data fejn meħtieġ biex jiġu appoġġati r-riċerka mmexxija mill-IA u t-taħriġ tal-mudelli tal-IA.
23. JINKORAĠĠIXXI l-adozzjoni ta' prattiki tax-xjenza miftuħa fil-ġbir tad-data, fil-kondiviżjoni tad-data, u fit-tfassil ta' għodod tal-IA għax-xjenza, inkluż l-użu ta' mudelli miftuħa u algoritmi, biex jiżdiedu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-riproduċibbiltà tax-xjenza li taħdem bl-IA.
24. JENFASIZZA l-hteġa li jiġu żviluppati linji gwida u li jiġu appoġġati soluzzjonijiet tekniċi biex l-IA tintuża b'mod responsabbli f'pubblikazzjonijiet xjentifiċi. IQIS li dawn għandhom jindirizzaw kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, it-trasparenza, l-integrità u l-prattiki etiċi.

Aċċess ġust għal soluzzjonijiet tal-IA u infrastrutturi interkonnessi

25. JITLOB lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu sforzi akbar biex jgħaqqdu aħjar l-infrastruttura u r-riżorsi li jiffavorixxu l-IA fl-Unjoni kollha, jappoġġaw l-aċċess ekwu għal computing ta' prestazzjoni għolja u software avanzat għar-riċerkaturi u l-innovaturi, u jrawmu kollaborazzjoni transfruntiera u, fejn xieraq, internazzjonali fost ir-riċerkaturi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti (eż. negozji ġodda u negozji li qed jespandu, l-industrija, l-organizzazzjonijiet soċjali u dawk li jfasslu l-politika).
26. IFAKKAR fl-importanza li jiġu żviluppati teknoloġiji ddedikati tal-IA biex dawn jiġu applikati fix-xjenza. JIEĦU NOTA tal-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tal-computing u JISTEDINHOM isaħħu l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mis-settur privat, l-investment u l-kollaborazzjoni tagħhom biex jinkiseb titjib ulterjuri.
27. JISSOTTOLINJA l-hteġa ta' involviment aħjar tal-komunità tar-R&I mal-ekosistema msejsa fuq il-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja (HPCs) u l-Fabbriki tal-IA Ewropej. JITLOB lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbju l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi, ikomplu jsaħħu u jiffaċilitaw l-aċċess ġust għar-riċerkaturi u l-innovaturi għall-kapaċità komputazzjonali u s-software biex tkompli tavvanza r-riċerka dwar l-IA u biex din tiġi adottata fix-xjenza, filwaqt li jqisu l-effiċjenza fl-enerġija u d-dimensjoni ambjentali tal-infrastrutturi tal-IA.

28. JINNOTA l-potenzjal tal-kumpaniji, l-SMEs, in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu tal-UE fl-appoġġ biex ir-riċerkaturi u l-innovaturi jiżviluppaw u jibbenefikaw minn teknoloġiji affidabbli bbażati fuq l-IA għar-R&I, u JITLOB lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistimulaw u jappoġġaw il-ħidma fuq sistemi, applikazzjonijiet jew għodod għall-użu speċifiku tal-IA fir-R&I, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u d-drittijiet tal-awtur.
29. JAPPELLA għall-mobilizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u l-finanzjament tar-R&I, biex titrawwem l-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-IA, pereżempju fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka, l-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-aċċelleraturi, il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-IA fil-proċessi xjentifiċi, l-ispin-offs universitarji, in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu innovattivi.
-